MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 625/2012

**Maria Dolores *sive* Doris Cordina**

**-vs-**

1. **George Mangion;**
2. **Carmen Farrugia;**
3. **Janice Mangion;**
4. **Christabelle Mangion; u**
5. **L-Avukat Renzo Porsella Flores flimkien mal-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b'digriet tas-17 ta' Lulju 2012 ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Josephine Zammit xebba Mangion**

**(bint Giorgio u Maria Assunta miżżewġin Mangion, assenti minn dawn il-gżejjer u residenti permanentement l-Awstralja); u b'digriet tal-14 ta' Ottubru 2012 il-Prokuratur Legali Doreen Aquilina ġiet sostitwita bil-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar; u b'digriet tat-30 ta' April 2014 l-istess kuraturi deputati ġew estromessi mill-kawża *stante* l-mewt ta' Josephine Zammit, u l-istess atti ġew trafużi f'isem Dr Michael Grech bħala mandatarju speċjali ta' Paul Zammit li jinsab assenti minn dawn il-gżejjer, bħala r-raġel u l-uniku eredi tal-mejta Josephine Zammit.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-19 ta' Ġunju 2012 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi fl-20 ta' Frar, 1995 [Dok: A] u fil-11 ta' April, 1998 [Dok: B], rispettivament, mietu Maria Assunta Mangion u żewġha Giorgio Mangion li kienu l-ġenituri tal-kontendenti, ħlief għal Janice u Christabelle aħwa Mangion;

Illi l-imsemmija Giorgio u Maria Assunta mizżewġin Mangion kellhom sitt (6) ulied, u ċjoe' lil Maria Dolores *sive* Doris Cordina, George Mangion, Carmen Farrugia, Josephine Zammit, Rita Mangion u Michael Mangion;

Illi skond ir-riċerki testamentarji relattivi [Dok: C u Dok: D] s-suċċessjoni tal-mejjet Giorgio Mangion hija regolata permezz ta' testament datat 5 ta' Ġunju u 1996 fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon [Dok: E]. *Ai termini* ta' dan it-testment il-werrieta tal-mejjet Giorgio Mangion huma wliedu kollha ħlief għall-intimata Josephine Zammit li kienet ingħatat Lm1,100 (illum pari għal €2,562.31c) għas-saldu ta' kull dritt u leġittima tagħha;

Illi skond ir-riċerki testamentarji relattivi [Dok: F u Dok: G] s-suċċessjoni tal-mejta Maria Assunta Mangion hija regolata permezz ta' testament datat 28 ta' Jannar 1974 fl-atti tan-Nutar Dr. Robert Girard [Dok: H]. *Ai termini* ta' dan it-testment il-werrieta tal-mejta Maria Assunta Mangion huma wliedha kollha;

Illi l-ġid li kien jappartjeni lid-*decuiui* Giorgio u Maria Assunta konjuġi Mangion llum-il ġurnata huwa kompost mis-segwenti proprjeta' immobbli, u ċjoe':

(i) *garage* fil-livell tat-triq li għandu faċċata fuq Triq il-Kbira, Qormi u faċċata oħra fuq Triq Spiteri Fremond, Ħal Qormi, liema garaxx huwa uffiċjalment numerat mitejn u tlettax (213) min-naħa ta' Triq il-Kbira, Ħal Qormi u uffiċjalment numerat tmienja u ħamsin (58) min-naħa ta' Triq Spiteri Fremond, Ħal Qormi u magħruf bħala "Kala Garage" u jinsab in parti sottopost għall-proprjeta' tal-istess kontendenti hawn taħt deskritt fis-sub-paragrafu li jmiss u in parti sottopost qhall-proprjeta' tal-konjuġi Debattista jew l-aventi kawża tagħhom; u

(ii) il-meżżanin li jinsab fl-ewwel sular mill-livell tat-triq, inkluż l-arja sovrastanti l-intier tal-meżżanin imsemmi, u li għandu faċċata għal fuq Triq il-Kbira, Ħal Qormi, liema *maisonette*

għandu aċċess minn taraġ, formanti parti ntegrali mill-istess *maisonette*, li jiżbokka fi Triq il-Kbira, Ħal Qormi u huwa uffiċjalment numerat mitejn u tnax (212) u magħruf bħala "Doris House". Dan il-meżżanin huwa sovrapost fuq il-garaxx imsemmi fis-sub-paragrafu ta' qabel dan;

Illi fis-17 ta' Awissu, 1995 saret il-*causa mortis* tad-*decuius* Maria Assunta Mangion [Dok: I] filwaqt li fis-17 ta' Settembru 1998 saret il-*causa mortis* tad-*decuius* Giorgio Mangion [Dok: J] entrambi in atti tan-nutar Dr. Pierre Falzon. Illi żmien wara, numru ta' inkorrettezzi misjuba f'dawn iż-żewġ *causa mortis* ġew radrizzati u rettifikati, u dan permezz ta' att korrettorju in atti tan-nutar Dr. Malcolm Licari datat 5 ta' Diċembru 2007 [Dok: K];

Illi fis-6 ta' Jannar 2009 miet ab intestato Michael Mangion, iben Giorgio uMaria Assunta konjuġi Mangion [Dok: L], u l-istess intiret minn uliedu Janice Mangion u Christabelle Mangion, li huma ntimati f'din il-kawża;

Illi fis-16 ta' Ġunju, 2006 mietet Rita Mangion, bint Giorgio u Maria Assunta konjuġi Mangion [Dok: M], u mir-riċerka testamentarja relattiva [Dok: N u Dok: 0] jirriżulta illi l-istess mietet *ab intestatio* u li ma ħallietx tfal u / jew dixxendenti u għalhekk il-wirt tagħha ddevolva fuq ħutha u ulied ħutha skond il-Liġi;

Illi l-apertura tas-suċċessjoni ta' Rita Mangion giet dekretata mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Lulju 2007 bin-numru 388/2007 [Dok: P];

Illi fil-5 ta' Diċembru 2007 fl-atti tan-Nutar Dr. Malcolm Licari saret il-*causa mortis* relattiva tad-*decuius* Rita Mangion (Dok: Q) u kif jirriżulta mill-istess *causa mortis* il-proprjeta' immobiljari tal-imsemmija Rita Mangion kien jikkonsisti f'dan li ġej:

(a) sest ($^{1}/_{6}$) indiviż tal-*garage* bl-isem ta' "Kala Garage", li għandu żewġ bibien, wieħed igib in-numru uffiċjali mitejn u tlettax (213), fi Triq il-Kbira u l-ieħor bin-numru uffiċjali tmienja u ħamsin (58), fi Triq Spiteri Fremond f'Ħal Qormi, liema *garage* huma in parti sottopost għall-proprjeta' deskritta fis-sub-paragrafu segwenti u in parti sottopost għal beni tal-miżżewġin Debattista; u

(b) sest ($^{1}/_{6}$) indiviż tal-meżżanin bl-isem ta' "Doris House", sovrappost għall-parti mill-*garage* deskritt fis-sub-paragrafu preċedenti, bl-arja libera tiegħu, aċċessibbli minn taraġ privat li jġib in-numru uffiċjali mitejn u tnax (212), fi Triq il-Kbira Ħal Qormi.

Illi jiġi rilevat li l-attriċi kienet ingħatat mingħand il-mejjet missierha, Giorgio Mangion, b'titolu ta' donazzjoni s-sehem ta' wieħed minn tnax-il sehem indiviż ($^{1}/_{12}$) mill-proprjetajiet hawn fuq elenkati permezz ta' att nutarili datat 26 ta' Jannar 1996 [Dok: R] kif sussegwentement korrett u rettifikat permezz ta' att nutarili datat 9 ta' Diċembru 1997 [Dok: R] entrambi in atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon;

Illi l-attriċi hija komproprjetarja flimkien ma' l-intimati, f'ishma mhux ugwali, taż-żewġ fondi hawn fuq deskritti fil-paragrafi 5 u 10;

Illi dawn il-proprjetajiet huma derivanti, kif imfisser, lill-kontendenti mill-wirt tal-mejtin ġenituri tagħhom, Giorgio u Maria Assunta konjuġi Mangion, kif ukoll tal-mejta oħthom, Rita Mangion;

Illi l-wirt tad-*decuiui* Giorgio uMaria Assunta konjuġi Mangion u ta' Rita Mangion għadu ma nqasamx u l-attriċi trid li ssir il-qasma ta' dak kollu li għad hemm in komun bejn il-kontendenti, inkluża l-proprjeta' hawn fuq elenkata;

Illi, *inoltre* u fid-dawl tal-paragrafu 11 supra, l-attriċi tixtieq li tingħata l-mezzanin li jinsab fl-ewwel sular mill-livell tat-triq, inkluż l-arja ntiera sovrastanti l-mezzanin imsemmi, li għandu faċċata għal fuq Triq il-Kbira, Ħal Qormi akkont ta' seħemha u titħallas ekwiparazzjoni mill-istess attriċi favur l-intimati jew mill-intimati favur tagħha, skond kif ikun il-każ;

Illi l-intimati ġew interpellati b'ittra uffiċjali datata 14 ta' April, 2011 bin-numru 1248 tas-sena 2011 [Dok: 5] lilhom lkoll debitament notifikata sabiex jersqu għal qasma, iżda minkejja dan huma naqsu u għalhekk kellhom isiru dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-attriċi titlob bir-rispett illi din l-Onor. Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna u mogħtija d-direttivi u / jew l-ordnijiet kollha meħtieġa, jogħġobha:

i. Tillikwida l-assi kollha, kemm parafernali u kemm konjugali, ta' Giorgio uMaria Assunta konjuġi Mangion;

ii. Tordna d-diviżjoni tal-assi f'żewġ porzjonijiet ugwali u tassenja waħda lill-assi partikolari ta' Giorgio Mangion u l-oħra lill-assi partikolari ta' Maria Assunta Mangion;

iii. Tillikwida l-assi partikolari ta' Giorgio Mangion u tiddikjaraha tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilu assenjata u f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt il-kawża;

iv. Tillikwida l-assi partikolari ta' Maria Assunta Mangion u tiddikjaraha tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilha assenjata u f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt il-kawża;

v. Tillikwida l-assi ta' Rita Mangion;

vi. Tordna d-diviżjoni tal-assi ta' Rita Mangion fil-porzjonijiet rispettivi;

vii. Tiddividi l-ġid bejn il-kontendenti skond il-kwota li kull wieħed mill-partijiet jiġi ddikjarat li għandu dritt għaliha, b'dan illi tordna li fid-diviżjoni, l-meżżanin bl-isem ta' "Doris House", sovrappost għall-parti mill-*garage* hawn fuq deskritt fis-sub-paragrafu preċedenti, bl-arja libera tiegħu, aċċessibbli minn tarag privat li jġib in-numru uffiċjali mitejn u tnax (12), fi Triq il-Kbira Ħal Qormi jiġi assenjati lill-attriċi;

viii. Tinnomina, jekk ikun hemm bżonn, perit tekniku għal finijiet ta' likwidazzjoni u tħejjija ta' pjan ta' diviżjoni;

ix. Tinnomina u taħtar Nutar Pubbliku sabiex, f'jum, f'ħin u f'post li din l-Onorabbli Qorti tordna, jirċievi u jippubblika l-att opportun;

x. Tinnomina u taħtar kuraturi biex jidhru għal dawk li jonqsu li jersqu fuq l-att nutarili relattiv;

xi. F'każ u safejn id-diviżjoni in-natura ma tkunx possibbli, tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni tal-istess proprjeta', *in toto* jew *in parte*, u l-qasma tar-rikavat bejn il-ko-liċitanti skond il-kwoti rispettivi tagħhom;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati, inkluż dawk in konnessjoni ma' l-ittra uffiċjali numru 1248 tas-sena 2011 imressqa fl-14 ta' April 2011 fir-Reġistru ta' din il-Qorti, li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuta Carmen Farrugia fl-10 ta' Awissu 2012 fejn eċċepiet:

1. Illi primarjament, l-esponenti qatt ma kienet kontra illi l-ġid tal-ġenituri tagħha jinqasam u min dejjem kienet u għadha disposta li titrasferixxi s-sehem spettanti lilha lil kull min jista' jkun interessat, inkluż lill-istess rikorrenti, bil-prezz tas-suq.

2. Illi għalhekk, il-kawża odjerna, fil-konfront tal-esponenti saret b'mod intempestiv u nutili għal liema raġuni l-esponenti ma għandha tbati l-ebda spejjeż iżda għandhom ikun a kariku tal-istess rikorrenti.

3. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuti Janice u Christabelle Mangion fl-20 ta' Awissu 2012 fejn eċċepew:

1. Illi l-eccipjenti jaqblu ma' l-ewwel (I), it-tieni (II), it-tielet (III), ir-raba' (IV), il-ħames (V) u s-sitt (VI) it-talba tal-attriċi, u dana peress li l-istess eċċipjenti ilhom żmien jinsistu li kull pendenza relatata mill-ereditajiet oġġett tal-proċeduri odjerni jiġu riżolti.

2. Illi meta jsir l-eżerċizzju tal-formazzjoni tal-massa erditarja, għandhom jiġu nklużi wkoll l-oġġetti kollha mobbli li ttieħdu mill-attriċi u dana apparti li għandhom jiġu mputati wkoll dak kollu mogħti mid-*decuii* lill-istess attriċi matul ħajjithom.

3. Illi l-eċċipjenti in kwantu għas-seba' (VII) talba attriċi, filwaqt li jaqblu li din il-Qorti għandha tiddividi l-ġid bejn il-kontendenti skont il-kwota li kull parti jiġi ddikjarat li għandha dritt għaliha, pero' joġġezzjonaw li l-meżżanin bl-isem "Doris House", bl-arja libera tiegħu, aċċessibbli minn taraġ privat li jġib in-numru uffiċjali tnax (12), fi Triq il-Kbira, Ħal Qormi jiġi assenjat lill-attriċi.

4. Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-kuraturi deputati fil-31 ta' Awissu 2012 fejn eċċepew:

Illi qabel xejn huma ma jafux bil-fatti li wasslu għall-kawża u għalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu tweġiba oħra aktar 'il quddiem;

Illi b'danakollu, it-tieni parti tas-seba' talba – l-assenjazzjoni lill-attriċi tal-meżżanin 'Doris House' – tidher bla bażi legali.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati.

Rat il-verbal tas-seduti illi saru quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Tiziana Filletti;

Rat ir-rapporti tal-perit tekniku l-AIC Alan Saliba li għamel stima tal-proprjetajiet illi kellhom jiġu diviżi u li ġie debitament maħluf;

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;

Rat il-verbali nkluż l-aħħar wieħed tal-20 ta' April 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher mill-premess il-kawża hija waħda ta' diviżjoni tal-proprjetajiet illi l-partijiet jippossjedu fi kwoti indiviżi; u kif jidher mill-atti, kienet biss l-attriċi illi ressqet provi għaliex il-konvenuti naqsu li jagħmu dan *nonostante* li kellhom kull opportunita' li jagħmlu dan. Għandu jingħad ukoll li għalkemm il-proċess sar voluminuż, fil-fatt il-kawża ftit tippreżenta diffikulta għaliex il-proprejtajiet huma individwati u l-ishma mhux in diskussjoni; biex tkompli żżid ma' dan il-fatt (ossija li l-kawża ma tippreżentax diffikultajiet kbar) l-attriċi rrinunzjat għas-seba' talba tagħha (fol 312).

**Fil-fatt jirriżulta li l-proprejtajiet huma:**

Garaxx imsejjaħ Kala Garage, Triq il-Kbira Qormi stmat €220,000 mill-perit tekniku msemmi u l-fond meżżanin numru 212 Triq il-Kbira, Qormi smata €105,000. Huwa evidenti li dawn għandhom jinbiegħu u r-rikavat jinqasam kif spjegat fin-nota tal-attriċi u li se tiġi ndikata fil-parti dispożittiva tas-sentenza.

Illi jirriżulta li kien hemm kont bankarju f'isem il-mejta Rita Mangion illi għandu ukoll jinqasam bejn il-partijiet fl-istess ishma.

Illi kwantu għall-ispejjeż bħalma jiġri normalment f'każi simili, dawn għandhom jinqasmu bejn il-partijiet skond l-ishma rispettivi tagħhom mill-wirt.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**Tordna l-bejgħ in liċitazzjoni tal-fondi fuq imsemmija u a bażi tal-istimi hemm ukoll elenkati, b'dan li r-rikavat jinqasam bil-mod segwenti:**

**l-attriċi tieħu $^{17}/_{60}$ parti; il-konvenut George Mangion jieħu $^{1}/_{5}$; il-konvenuta Carmen Farrugia tieħu wkoll $^{1}/_{5}$; l-Avukat Dottor Michael Grech bħala mandatarju ta' Paul Zammit l-uniku eredi ta' Josephine Zammit jieħu $^{7}/_{60}$; u l-konvenuti Janice u Christabelle Mangion jieħdu $^{1}/_{10}$ kull waħda minnhom; tordna wkoll li l-kontijiet bankarji f'isem il-mejta Rita Mangion jinqasmu fl-istess ishma.**

**L-ispejjeż ikunu a kariku tal-partijiet kollha fl-ishma rispettivi ndikati** .

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------